MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-27 ta' Frar, 2012

Avviz Numru. 182/2007

**Maltacom p.l.c. (C 2234) u b'digriet tat-3 ta' Marzu 2010 l-isem gie mibdul ghal GO p.l.c.**

**Vs**

**Emanuel Cassar (ID 527571M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta'attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, mitejn u wiehed u tletin lira Maltin u tletin centezmi (Lm3231.30) rapprezentanti ammont mill-konvenut dovut in konnessjoni ma' servizzi telefoniku li jgib in-numru 21449979 (skond kif jirrizulta mill-anness Dok A – Prospett, Dok B – kopja tal-applikazzjoni annessa mar-rikors u mmarkata, Dok C- kopja tal-ftehim relattiv u Dok D – talba ghal bidla fin-numru tas-servizz telefoniku.

Bl-ispejjez komprizi dawk tar-rikors u tal-ittra ufficjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors a fol 2 sa fol 7 tal-atti u markati Dok A sa Dok D.

Rat ir-risposta tal-istess konvenut a fol 13 ibid u li biha espona bir-rispett:-

1. Illi fl-ewwel lok it-talba tas-socjeta'attrici ghandha tigi michuda stante li hi nfondata fil-fatt u fid-dritt hekk kif ser jirrizulta waqt il-kawza.
2. Illi fit-tieni lok fil-kaz li jirrizulta li hemm xi ammont dovut dan mhux dovut mill-konvenut.
3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub hu ferm eccessiv.
4. Illi l-konvenut m'ghandux ibaghti l-ispejjez.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut a fol 23 ibid, u li biha eccepixxa reverentement:-

1. Illi l-konvenut fid-dawl tad-dokumenti li gew esebiti mis-socjeta' attrici, qed jirrispingi t-talba kif dedotta stante li hi preskritta u dan ai termini tal-artiklu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet tal-Malta.

Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici a fol 37 ibid u li biha l-ammont mitlub gie ridott ghal €7006.48 stante pagament akkont li sar mill-konvenut ammontanti ghal €425.51 (ara ukoll il-verbal a fol 36 ibid).

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Novembru 2008 (fol 24 ibid) minn fejn jirrisulta li l-konvenut irtira l-eccezzjoni ulterjuri kif sottomessa minnu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi s-socjeta’ attrici permezz ta’ Dottor Ingird Zammit Young (fol 18 ibid) ikkonfermat illi l-ammont mitlub kien ghadu dovut mill-konvenut.

Filfatt a fol 2 et seq ibid jinsab il-kont dettaljat tal-istess ammont waqt li a fol 4 et seq ibid tinsab kopja tal-ftehim bejn l-istess socjeta’ attrici u l-konvenut u li bih, il-konvenut kien applika ghal servizz telefoniku fil-post ‘Block 64’, appartament numru 4, Triq ix-Xitwa go Hal Qormi u sabiex ix-xoghol relattiv jsir in rigward bidla bin-numru ‘ex directory’ minn kif kien ossija 482806.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 30 et seq ibid) spjega li meta kien ircieva l-kont in kwistjoni, ritenut eccessiv minnu hu kien kiteb ittra lis-socjeta’ attrici bid-data tal-21 ta’ Ottubru 2003 u li giet konsenjata minnu personalment (ara fol 34 ibid). F’din l-ittra hu sostna li ma kienx ghamel telefonati minn Malta ghal barra. Fix-xhieda hu qal li fir-residenza tieghu, jghixu hu, missieru u ommu u zewg huhu u fl-istess post kien hemm zewg linji, wahda ghall-familjari tieghu u ohra ghalih biss peress li kellu xi kwistjoni ma’ missieru u peress li hu kien jahdem bhala gwardjan fil-Facilita Korrettiva ta’ Kordin u, kienu jidhlu telefonati, ta’ theddid u ingurjuzi fil-konfront tieghu fuq dak uzat mill-familja tieghu. Filfatt in-numru specifikat fl-avviz jappartjeni lis-servizz telefoniku uzat minnu, wahdu. Dwar il-kontijiet esebiti a fol 2 u fol 3 tal-atti, hemm imnizzlin ammonti pjuttost kbar in konnessjoni ma telefonati minn Malta ghal barra u hu cahad li qatt ghamel minn dawn it-telefonati. Inoltre waqt li semma’ li hu ma kellux xi familjari residenti barra minn Malta, il-familja tieghu kienet qaltu li hadd minnhom ma kien uza l-istess telefon, uzat minnu biss. Dwar il-kamra fejn l-istess telefon kien, din kienet il-kamra tieghu u kien jsakkarha bic-cavetta. Hu kompla jghid li s-socjeta attrici qatt ma kienet b’xi mod gibditlu l-attenzjoni dwar il-kontijiet

eccessivi. Pero wara jidher li biddel dak li ghadu kemm xehed meta gie muri ittra registrata bid-data tas-17 ta' Settembru 2003 u li tidher li giet konsenjata lill-ommu Mary Cassar izda meta kien gie muri din l-ittra bil-firma ta' ommu fuq il-'pink card', hu qal li l-firma ma kienitx ta' ommu peress li din kienet qaltu li qatt ma kienet iffirmat xi haga in konnessjoni ma' ittra registrata. Wara qal li hu kien izzewweg u kien mar joqghod go Haz Zabbar u hu kien halla l-linja in kwistjoni fil-post tal-genituri tieghu . Inoltre hu kien ghamel talba '… sabiex immur' ex directory' … fuq in-numru in kwistjoni' u mhux fuq numru iehor cjoe 482806 li eskluda li kien tieghu. Pero rinfaccat bid-dokument a fol 7 ossija talba sabiex in-numru 482806 jinbidel u jsir 'ex directory' hu gharaf u kkonferma li l-firma fuq dan id-dokument kienet tieghu izda xorta wahda qal li dan in-numru ma kienx registrat fuq ismu. Hawnhekk, hu kkorega ruhu billi qal li dan in-numru seta '… kien tieghu'. Inoltre hu, fl-ahhar tal-kontro ezami, semma' li fid-dar tal-genituri tieghu kien hemm linja ohra registrata fuq isem ohtu (ara ukoll ix-xhieda tal-istess Mary Cassar a fol 38 ibid u ta' oht il-konvenut Rena Cassar a fol 42 ibid).

Ikkunsidrat

Illi jigi rilevat illi, fil-mori ta' din il-kawza, l-konvenut kien hallas €425.51 u ghalhekk l-ammont mitlub gie ridott ghal €7006.48.

Illi, in rigward il-meritu l-Qorti thoss illi ma ngiebet ebda prova sodisfacjenti sabiex tkun sodisfatt, fuq bazi ta' probabilta' illi l-konvenut ma ghamilx it-telefonati, kontestati minnu waqt li s-socjeta' attrici, effettivament ppruvat dejjem fuq bazi ta' probabilta illi l-istess telefonati filfatt kienu saru minnu. Ghalhekk it-talba attrici ser tigi akkolta waqt li l-eccezzjonijiet sottomessi minnu ghandhom jigu respinti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa t-talba attrici kif ridotta u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' €7006.48 bl-imghax legali millum stess, stante li ma hemmx prova sodisfacjenti li giet presentata ittra ufficjali kif hemm imnizzel fl-avviz u li hi bla data u

dan sad-data tal-pagament effettiv. In rigward l-ispejjes, inkluza t-taxxa fuq id-drittijiet professjonali b'eskluzjoni tal-ittra ufficjali msemmija, dawn ghandhom jithallsu mill-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------